MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Numru. 632/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**MARIO CACHIA**

**(ID: 855254M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARIO CACHIA** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 855254(M), imwieled Zabbar fil-11 ta' Novembru 1954 u residenti gewwa 'Shick Complex' Flat 21, Triq Sant' Anna, Marsaskala, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'Gunju 2010 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tas-socjeta' Plumelec Limited, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' sittin elf, tmien mija u sebgha u sittin Ewro u zewg centemzi (€60,867.02).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 31, fedina penali tal-imputat a fol. 32, stqarrija a fol. 33 u dikjarazzjoni ta' rifjut tal-ghajnuna legali a fol. 35.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**Connie Azzopardi** xehdet fl-1 ta' Lulju 2014 fejn iddikjarat illi qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-*Control Room* tal-V.A.T. tad-Direttur Generali tal-V.A.T. Hija esebiet kopja ta' *letter to prosecute* li giet immarkata mill-Qorti bhal Dok. VAT, esebiet ukoll kopja ta' obbligazzjoni fejn jidher li huwa registrat l-imputat odjern Mario Cachia li gie mmarkat bhala dokument VAT 1, MFSA *records* li gew immarkati bhala dokument VAT 2 u kif ukoll kopji ta' denunzji relattivi prezentati mill-imputat li gew immarkati bhala Dokument VAT 3.

Hija spjegat li d-Dipartiment qed jallega li effettivament l-imputat misappropja l-ammont ta' sittin elf, tmien mija u sebgha u sittin ewro u zewg centezmi (€ 60,867.02) u qalet li dan l-ammont jirrizultalhom minn *returned* denunzji li pprezenta l-istess imputat li gew esebiti prezenzjalament u mmarkati bhal dokument VAT 3. Ix-xhud stqarret illi f'dan l-ammont m'hemmx indikat la mghaxijiet u lanqas penali.

**Spettur Maurice Calleja** xehed fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li huwa kien ircieva kwerela mid-Dipartiment tal-V.A.T sabiex jiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat u dan ghax kien gie allegat li l-imputat fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' *Plumelec Limited* kien approprja ruhu bis-somma ta' sittin elf, tmien mija u sebgha u sittin ewro u zewg centezmi (€ 60,867.02).

Sussegwentement kien baghat ghall-imputat, hadlu l-istqarrija li qed tigi esebita fl-atti u qal illi dina l-istqarrija giet mehuda fit-tnejn u

ghoxrin (22) ta’ Dicembru, 2010 wara li kien tah is-solita’ twissija u kien tah ukoll il-fakulta’ li huwa jitkellem mal-Avukat. Huwa gharaf il-firma tieghu, dik tal-imputat stess u ta’ PS 290 Jean Paul Formosa. Ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien irrifjuta li jitkellem ma’ Avukat qabel ma rrilaxxja din l-istess stqarrija.

**PL Quentin Tanti** xehed fit-28 ta’ Lulju 2014 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-MFSA. Huwa spjega li huwa kien gie mitlub sabiex jesebixxi Memorandum and Articles of Association tas-socjeta’ Plumelec Limited. Ix-xhud iddikjara li llum jinsab f’pozizzjoni li jesebixxi din il-kopja li l-Qorti mmarkat bhala Dokument MFSA. Huwa spjega li r-*registration number* tal-kumpanija huwa C 28334 u tenna li din hija *Single Member Company* fejn Mario Cachia huwa d-direttur, is-segretarju, l-unika *shareholder* u huwa wkoll il-*Judicial Representative* u qal li din il-kumpanija ghadha attiva sa llum.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-10 ta’ Ottubru, 2014 (fol. 78) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fl-10 ta’ Novembru, 2014 gew moqrija l-Artikoli u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri kif kellu dritt jaghmel u ghalkemm talab diversi differimenti sabiex jipprova jirranga s-sitwazzjoni tieghu mad-Dipartiment tal-VAT baqa' ma wasal fl-ebda ftehim mad-Dipartiment. Jinghad ukoll li minkejja li din il-Qorti nnominat avukat tal-ghajnuna legali sabiex jassistih, u dan fuq talba tieghu ghaliex stqarr li huwa indigenti, xorta ma marx ikellem lill-avukat hekk appuntat, u dan kif jirrizulta mill-atti u minn dak li gie verbalizzat mill-istess avukat difensur. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li toqghod fuq il-provi prodotti w tezamina l-istqarrija ta' dak li qal l-imputat fir-rilaxx ta' l-istqarrija tieghu *a tempo vergine* tal-investigazzjoni liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 33 tal process.

L-imputat spjega li huwa *electrician* u *plumber* u fil-fatt kien jokkupa l-posizzjoni ta' Direttur tas-socjeta' Plumelec Limited, liema socjeta' fil-mument meta gie interrogat kienet fi stat ta' falliment u kien ghadu ghaddej f'diskussjonijiet mal-awdituri tieghu. Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar it-talba tal-Kummissarju tal-VAT li huwa ghandu jaghti lid-Dipartiment madwar sittin elf, tmien mija w sebgha u sittin Ewro u zewg centezmi (€60,867.02), jghid li jaf li kellu xi kontijiet pendenti li jmorru lura ghas-sena 2001. Mistoqsi ghaliex ma kienx hallas il-flus lid-Dipartiment tal-VAT meta kien gja ddikjara dawn l-ammonti fir-*returns* tieghu, jghid li kellu problemi finanzjajri u

ma setax jaghmel dawn il-pagamenti. Fil-fatt jghid li kien jibghat ir-*returns* tal-VAT sabiex ikun baghathom u ma johorgulux l-*assessments*, izda jghid li xorta kienu johorguhomlu. Mistoqsi jekk il-kumpanija minnu rappresentata kellhiex flus biex thallas dak dovut minnha lid-Dipartiment tal-VAT, jghid li ma kellhiex.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost jidher bic-car li s-socjeta' Plumelec Limited kient irceviet il-flus li huma dovuti lid-Dipartiment tal-VAT pero' minhabba problemi finanzjarji taghha uzat l-istess flus ghal ghanijiet ohra. Dan hu prorprju dak li jipprospetta r-reat ta' misappropprijazzjoni.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' appropriazzjoni indebita huma dawn li gejjin. Kif imfissra fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"<u>Il-Pulizija vs Concetta Charles</u>"** deciza nhar l-20 ta' Settembru 2011:

1. *"Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffigura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex*

*il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*
3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*
4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*
5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita".*

Fuq dan il-punt il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa(5) ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush"** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293 tal-Kodici** taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina, b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti, li bazati kif inhuma fuq il-fiducja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contro la proprieta'** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** (para. 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

*"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

**Carrara** fil-kieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu ***Esposizione dei delitti in specie*** (Vol. 4. para 284) li wkoll isejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uso determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita m'hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide **"Il-Pulizija v Joseph Mifsud"** deciza nhar it-tnejn (2) ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**; "Il-Pulizija v Joseph Richmond et"** deciza nhar l-erbatax (14) ta' Jannar, 1993; **"Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia"** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 1949 u **"Il-Pulizija v Emanuel Cassar"** deciza nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 1997.)

B'dan, il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** (Vol. V pg. 347) jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Huwa minnu li hemm certi awturi bhal **Giovanni Giuffre'** li jghidu li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett jinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li *del resto* m'ghandux ghalfejn ikun wiehed pekunjarju). Tali intenzjoni izda, jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni.

Illi ghalhekk, in vista tal-pronunzjamenti fuq imsemmija u fid-dawl ta' dak li irrizulta mill-provi, w appuntu mill-istqarija tal-imputat moghtija *a tempo vegine* tal-investigazzjoni, liema konfessjoni ma gietx michuda minnu fl-ebda stadju, tiddikjara li qed issib lill-imputat **MARIO CACHIA** hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat MARIO CACHIA hati ta' l-akkuzi u tikkundannah tmintax-il xahar (18) prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Atikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------